MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1273/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**DENNIS CILIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Dennis Cilia ta’ 30 sena, bin Peter u Antonia nee’ Sharratt, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-25 ta’ April, 1976, residenti fil-fond numru 31, Triq il-Mithna, Attard, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 257276M;

Akkuzat talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Talli nhar id-29 ta’ Settembru, 2006 gewwa l-Kuncizzjoni, limiti tar-Rabat (Malta), f’xi hin bejn it-8.30am u 6.30pm, ikkommetta swerq ta’ flus u oggetti mill-kappella tal-Kuncizzjoni, Rabat (Malta), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-lok, u li dan sar ghad-dannu tad-Djocesi ta’ Malta u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fit-tabernaklu, fost affarijiet ohra gewwa l-imsemmi fond, liema hsara taccedi l-hamsin lira maltin (Lm50.00), u dan sar ghad-dannu tad-Djocesi ta’ Malta u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta’ gesti, b’kitba stampata jew le, bi stampi jew b’xi mezz iehor visibbli, kasbar pubblikament ir-religjon kattolika appostolika rumana li hija r-religjon ta’ Malta, inkella offenda r-religjon kattolika appostolika rumana billi kasbar lil dawk li huma ta’ din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta’ devozzjoni tar-religjon kattolika appostolika rumana, jew li tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta’ din ir-religjon;

4. U aktar talli nhar it-30 ta’ Novembru, 2006 gewwa l-Bidnija, ghall-habta tas-7.00pm, ikkommetta serq ta’ flus u oggetti mill-kappella tas-Sagra Familja, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin, u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ Lm100.00 (mitt lira maltin), izda anqas minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), u li dan sar ghad-dannu tad-Djocesi ta’ Malta, u/jew persuni ohra;

5. U aktar tali fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fil-bieb tas-sagristija fost affarijiet ohra gewwa l-imsemmi fond, liema hsara ma taccedix il-hamsin lira maltin (Lm50.00), u dan sar ghad-dannu tad-Djocesi ta’ Malta u/jew persuni ohra:

6. U aktar talli nhar it-30 ta’ Novembru, 2006 iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma kienx sar, u holoq tracci ta’ reati b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

7. U kif ukoll talli kiser il-provediment ta’ sentenza ta’ prigunerija ghal sentejn (2) sospizi ghal erba’ (4) snin moghtija lilu nhar l-24 ta’ Jannar, 2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Dr Antonio Mizzi), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 269, 270, 279(a), 325, 163, 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Dennis Cilia hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal tlitt (3) snin prigunerija;
Barra minn hekk din il-Qorti tordna wkoll li tidhol fis-sehh is-sentenza moghtija lill-imputat mill-Qorti tal-Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi nhar l-24 ta’ Jannar 2006, fejn l-imsemmi imputat kien gie kundannat ghal sentejn (2) prigunerija, sospizi ghal erba’ (4) snin, b’hekk l-imputat illum qieghed jigi kundannat total ta’ hames (5) snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------